

Brussell, 29 ta' April 2026
(OR. en, de, hr, hu, sk, sl)

8406/26
PV CONS 22
RELEX 538
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Barranin)
21 ta' April 2026

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 7936/26.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) Lista mhux leġiżlattiva

7938/26

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet dwar dawn il-punti jinsabu fl-ADD 1 ta' dan id-dokument.

b) Lista Leġiżlattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

7939/26

Ġustizzja u Affarijiet Interni

1. Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

approvat mill-Coreper, Parti 2, fil-15.4.2026



7901/1/26 REV 1
+ REV 1 ADD 1
PE-CONS 1/26
COPEN

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 82(1), il-punt (d), u l-Artikolu 83(1) u (2) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka ma ħaditx sehem fil-vot.

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja tinsab fl-Anness.

Agrikoltura

2. Regolament dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-prodotti tal-ikel u l-għalf tagħhom

Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill


approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-15.4.2026



7616/2/26 REV 2
+ ADD 1
17037/25 + ADD 1
+ ADD 1 COR 1
AGRI

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill, bl-Awstrija, il-Kroazja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u l-Ungerija jivvutaw kontra u l-Belġju, il-Bulgarija u l-Ġermanja jastjenu (bażi legali: l-Artikolu 43, l-Artikolu 114 l-Artikolu 168(4), il-punt (b), TFUE).

Dikjarazzjonijiet mill-Awstrija, il-Kroazja, is-Slovakkja, is-Slovenja, l-Ungerija u l-Kummissjoni jinsabu fl-Anness.

3. **Regolament dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti**  7617/26+ ADD 1
17102/25 + ADD 1
AGRI
Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-15.4.2026

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill, bl-Awstrija, il-Ġermanja u s-Slovakkja jivvutaw kontra u s-Slovenja tastjeni (bażi legali: l-Artikolu 43(2) TFUE).

Dikjarazzjonijiet mis-Slovakkja u mis-Slovenja jinsabu fl-Anness.

Trasport

4. **Regolament dwar l-użu tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea, li jemenda d-Direttiva 2012/34/UE u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 913/2010**  8021/1/26 REV 1
+ REV 1 ADD 1
16833/25 + ADD 1
+ ADD 1 COR 1
TRANS
Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-15.4.2026

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill (bażi legali: l-Artikolu 91 TFUE).

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni tinsab fl-Anness.

Attivitajiet mhux leġislattivi

3. Ġrajjet kurrenti
4. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna^{1*}
Skambju ta' fehmiet
5. Is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani*
Skambju ta' fehmiet
6. Kawkasu tan-Nofsinhar*
Skambju ta' fehmiet

¹ Fil-preżenza tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Ukrajna (b'vidjokonferenza).

* Mingħajr apparat elettroniku.

7. Is-Sudan
Skambju ta' fehmiet
8. Affarijiet oħra
- a) Attakk Russu fuq il-wirt tal-UNESCO fi Lviv, fid-dawl tal-Biennale ta' Venezja 2026
Informazzjoni mil-Latvja 8179/26
- b) L-azzjonijiet tal-Belarussja kontra l-Università Ewropea tal-Istudji Umanistiċi
Informazzjoni mil-Litwanja 8322/26
- c) Żjara tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Belġju fir-reġjun tal-Balkani tal-Punent
Informazzjoni mill-Belġju 8324/26
-

DIKJARAZZJONIJIET GĦALL-PUNTI "A" LEĠIŻLATTIVI LI JINSABU FID-**DOKUMENT 7939/26**

Dwar il-punt "A" **Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni**
Nru 1: *Adozzjoni tal-att leġislativ*

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"B'referenza għall-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-Ġermanja tiddikjara li l-frażi "matul attivitajiet ekonomiċi, finanzjarji, ta' negozju jew kummerċjali" fl-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/JHA u l-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għandha tiġi interpretata bħala li tirreferi għal operazzjonijiet marbuta max-xiri ta' oġġetti jew servizzi kummerċjali."

Dwar il-punt "A" **Regolament dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-prodotti tal-ikel u l-għalf tagħhom**
Nru 2: *Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill*

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"Fil-prinċipju, l-Awstrija tirrikonoxxi l-potenzjal possibbli ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGT). Madankollu, dawn huma wkoll assoċjati ma' riskji potenzjali.

L-Awstrija tilqa' l-fatt li għadu possibbli li wieħed jagħżel li ma jipparteċipax fil-kultivazzjoni tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2. Madankollu, it-tħassib ewlieni mqajjem ripetutament mill-Awstrija ma ġiex indirizzat fit-test finali. Dan it-tħassib huwa ppreżentat hawn taħt.

- Fil-fehma tal-Awstrija, in-nuqqas ta' twettiq ta' valutazzjoni tar-riskju għall-pjanti u l-prodotti tal-NGT tal-kategorija 1 imur kontra kemm il-prinċipju ta' prekawzjoni kif ukoll il-Protokoll ta' Cartagena.
- Barra minn hekk, l-Awstrija hija tal-fehma li l-konsumaturi għandhom dritt għall-informazzjoni u l-libertà tal-għażla. In-nuqqas ta' rekwiżit ta' tikkettar għall-prodotti mill-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 (bl-eċċezzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti) jillimita b'mod sinifikanti dik il-libertà tal-għażla u għalhekk inqisuh inaċċettabbli.

- L-Awstrija tilqa' b'mod espliċitu l-projbizzjoni proposta fuq l-użu tal-pjanti tal-NGT u l-prodotti tagħhom fil-biedja organika. Madankollu, dan iqajjem il-kwistjoni ta' kif tista' tiġi implimentata mingħajr it-tikkettar ta' prodotti mill-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1, inkluż l-għalf tal-annimali, mingħajr ma jiġġarrbu kostijiet addizzjonali sostanzjali għal dawk fis-settur agrikolu.
- Il-possibbiltà li l-pjanti tal-NGT jingħataw privattiva tqajjem tħassib li dan jista' jkollu impatt negattiv fuq il-kumpaniji tat-tniissil żgħar u ta' daqs medju, li potenzjalment jisfurzawhom joħorġu mis-suq. Fil-fehma tal-Awstrija, id-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza rigward il-privattivi inklużi fit-test finali la jindirizzaw it-tħassib fundamentali dwar din il-kwistjoni u lanqas ma jipprovdu ċertezza legali.
- L-Awstrija temmen li l-kriterji ta' ekwivalenza stipulati fl-Anness I ma għandhomx bażi xjentifika. Minkejja t-tħassib li ġie espress ripetutamente, sal-lum ma ġiet ipprovduta l-ebda ġustifikazzjoni xjentifika dwar għaliex dawk il-kriterji għandhom ikunu ekwivalenti għat-tniissil konvenzjonali. L-Awstrija tixtieq tindika wkoll li l-Anness I jiddevja b'mod sinifikanti mill-mandat ta' negozjar tal-Kunsill fir-rigward tal-kriterji ta' ekwivalenza, b'mod partikolari fir-rigward tal-fatt li l-modifiki ġenetiċi fl-introni u s-sekwenzi regolatorji huma eżentati mil-limitu massimu stabbilit. Fil-fehma tal-Awstrija, dan kien ikun jeħtieġ aktar diskussjoni qabel il-votazzjoni finali dwar it-test.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-Awstrija ma tistax taqbel mal-adozzjoni tar-Regolament."

DIKJARAZZJONI MILL-KROAZJA

"Ir-Repubblika tal-Kroazja ttenni l-pożizzjoni tagħha li l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/625 għandha titqies kif xieraq minn tliet aspetti ewlenin: l-agrikoltura, l-ambjent u s-saħħa. Jeħtieġ ukoll li titqies l-opinjoni pubblika u li tiġi żgurata protezzjoni adegwata għall-konsumaturi u d-dritt tagħhom għal-"libertà tal-għażla".

Ir-Repubblika tal-Kroazja tappoġġa proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-għarfien xjentifiku u l-valutazzjoni tal-benefiċċji potenzjali. Fl-istess ħin, huwa meħtieġ li jiġi ssalvagwardat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tas-saħħa tal-annimali u tal-ambjent, filwaqt li jiġu protetti l-agrikoltura u l-produzzjoni tal-ikel sostenibbli.

Ir-Repubblika tal-Kroazja tixtieq tenfasizza t-tħassib fundamentali li ġej, li hija qajmet ukoll matul in-negozjati dwar it-test:

1. F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-Istati Membri għandhom jitħallew jiddeċiedu li jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni tal-pjanti tal-NGT fit-territorju tagħhom.
2. Il-prinċipju ta' prekawzjoni mhuwiex garantit b'mod adegwat fir-rigward tal-protezzjoni tal-konsumatur, tat-tikkettar u tat-traċċabbiltà tal-prodotti kollha tal-NGT.

3. Ma hemm l-ebda miżura fis-seħħ biex tiġi evitata kontaminazzjoni ambjentali potenzjali mill-pjanti tal-NGT u l-ebda mekkaniżmu ta' kumpens f'każ ta' ħsara, speċjalment fir-rigward tal-produzzjoni organika.

Għalhekk, ir-Repubblika tal-Kroazja ma tistax tappoġġa l-adozzjoni tar-Regolament dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom peress li dawn l-elementi ma ġewx indirizzati b'mod sodisfaċenti."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tqis li l-innovazzjoni fl-agrikoltura hija importanti, inkluż l-użu ta' teknoloġiji ġodda li kapaċi jindirizzaw sfidi ewlenin bħat-tibdil fil-klima, is-sigurtà tal-ikel u s-sostenibbiltà. Fir-rigward ta' tekniki ġenomiċi ġodda, nirrikonoxxu l-ħtieġa li jiġi stabbilit qafas legali ċar, trasparenti u robust biex jiġi żgurat li l-użu ta' organiżmi maħluqa minn dawn it-tekniki l-ġodda ma johlqx riskju għall-ambjent, għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, u jqis kif xieraq l-interessi kemm tal-konsumaturi kif ukoll tal-produtturi.

Matul id-diskussjoni dwar l-abbozz matul l-aħħar tliet snin, l-Ungerija kienet tal-fehma li l-abbozz huwa kunċettwalment difettuż, peress li ma jqisx il-proprietajiet maħluqa ġodda tal-pjanti u/jew ir-riskji potenzjali tagħhom meta jissepara l-pjanti fil-kategoriji NGT1 u NGT2, iżda jiddiskrimina biss fuq bażi molekulari, abbażi tat-tip, il-firxa u l-għadd ta' modifiki. L-Ungerija dejjem esprimiet tħassib dwar l-abbozz u appellat b'mod konsistenti għall-inklużjoni tal-elementi ewlenin li ġejjin fil-proposta regolatorja:

- Kunsiderazzjoni tal-prinċipju ta' prekawzjoni u l-użu ta' approċċ każ b'każ, filwaqt li jiġi żgurat li l-pjanti kollha tal-NGT jgħaddu minn valutazzjoni xjentifika tar-riskju qabel ma jiġu introdotti fis-suq;
- Tikkettar obligatorju tal-prodotti kollha tal-NGT biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà u jiġi ggarantit id-dritt tal-konsumaturi li jagħmlu għażla infurmata;
- L-iżgurar tal-konformità mal-obbligi tal-Ungerija li jirriżultaw mit-trattati internazzjonali;
- Kunsiderazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, filwaqt li tiġi żgurata l-libertà tal-għażla tal-Istati Membri għall-pjanti kollha tal-NGT;

Peress li t-test finali tal-abbozz ma jindirizzax b'mod adegwat it-tħassib li qajjimna, l-Ungerija ma tistax tappoġġa l-adozzjoni tiegħu."

DIKJARAZZJONI MIS-SLOVAKKJA

"Napprezzaw il-progress li sar fl-abbozzar tar-Regolament, iżda, minħabba l-fatt li r-Repubblika Slovakkja għad għandha riżervi rigward il-pjanti tal-NGT tal-Kategorija 1, b'mod partikolari minħabba li l-abbozz ta' Regolament ma jippermettix it-tikkettar tal-pjanti tal-NGT tal-Kategorija 1 u l-prodotti tagħhom tul il-katina tal-produzzjoni kollha, u b'hekk jillimita d-dritt tal-konsumatur li jieħu deċiżjoni infurmata, ir-Repubblika Slovakkja ddeċidiet li tivvota kontra l-abbozz ta' Regolament."

DIKJARAZZJONI MIS-SLOVENJA

"Is-Slovenja tqis li l-qbil dwar il-proposta għal Regolament dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom ma jindirizzax b'mod adegwat għadd ta' kwistjonijiet ewlenin, b'mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjoni tar-riskju, it-tikkettar, it-traċċabbiltà, id-disponibbiltà ta' metodi analitiċi, u l-awtonomija tal-Istati Membri fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-produzzjoni.

Is-Slovenja tissottolinja li n-nuqqas attwali ta' għodod ta' kontroll xierqa, flimkien mal-possibbiltà ta' modifiki ġenetiċi mhux intenzjonati, jeħtieġu l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' prekawzjoni u valutazzjoni tar-riskju bir-reqqa biex jiġu evitati effetti negattivi potenzjali fuq is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali, fuq l-ambjent jew fuq il-produzzjoni agrikola.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, is-Slovenja ma tistax tappoġġa l-ftehim u ma tistax taqbel mar-Regolament propost fil-forma attwali tiegħu, u tixtieq tenfasizza li l-innovazzjoni trid tiġi introdotta b'mod responsabbli, abbażi ta' evidenza xjentifika soda, u b'mod li jipproteġi l-ambjent u li jippreserva l-libertà tal-għażla."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni Ewropea ttenni l-impenn sħiħ tagħha li tipproteġi l-funzjonament tas-suq intern u s-settur tat-tnissil tal-pjanti, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs, small and medium-sized enterprises).

Għal dan l-għan, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ftehim ta' kompromess, il-Kummissjoni tfakkar fil-miżuri li ġejjin inklużi fit-test li jrid jiġi adottat mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari:

1. Il-Kummissjoni se timmonitorja mill-qrib l-impatt tar-regolament dwar l-NGT fuq l-SMEs fis-settur Ewropew taż-żrieragħ, bl-objettiv li jiġi evitat li l-iżvilupp tal-pjanti tal-NGT, u b'mod partikolari l-privattivi tagħhom, iwassal għal impatti negattivi fuq is-suq tat-tnissil tal-pjanti, bħall-esklużjoni tal-SMEs.
2. Il-Kummissjoni se tissorvelja t-tfassil ta' kodiċi ta' kondotta li se jkun lest mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 6 xhur qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament.
3. Il-Kummissjoni se tivvaluta l-funzjonament tal-pjattaformi ta' liċenzjar u l-użu tagħhom mis-settur taż-żrieragħ, biex tiżgura t-trasparenza dwar il-privattivi u l-aċċess iffaċilitat għal-liċenzji għall-SMEs b'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli.
4. Il-Kummissjoni se tiżgura li l-SMEs ikollhom aċċess għal appoġġ u gwida dwar kwistjonijiet ta' privattivi relatati mal-pjanti, sabiex jiġu bbilanċjati r-relazzjonijiet bejn l-atturi differenti fis-suq tat-tnissil tal-pjanti.

5. Il-Kummissjoni se tissodisfa l-obbligi kollha ta' rapportar tagħha, li jinkludu rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament kull 5 snin (l-Artikolu 32(1)), valutazzjoni tal-impatt tar-Regolament (l-Artikolu 32(3)), valutazzjoni tal-impatt tal-prattiki tal-privattivi tal-pjanti tal-NGT (l-Artikolu 31(4)), u rapport dwar il-funzjonament tal-kodiċi ta' kondotta kull 5 snin (l-Artikolu 30(7)).
6. Bħala parti mill-valutazzjoni tagħha skont l-Artikolu 31(4), il-Kummissjoni se tikkunsidra l-adeqwatezza li taġġorna jew tissupplimenta l-avviż interpretattiv tagħha 2016/C 411/03 dwar ċerti artikoli tad-Direttiva 98/44/KE dwar il-protezzjoni legali tal-invenzjonijiet bijoteknoloġiċi. B'mod partikolari, il-Kummissjoni se tivvaluta jekk ikunx xieraq u legalment fattibbli li jiġu speċifikati u ċċarati aktar il-kriterji tal-jedd għall-privattiva għall-invenzjonijiet relatati mal-informazzjoni ġenetika tal-pjanti, il-kunċett ta' proċessi essenzjalment bijoloġiċi u l-kundizzjonijiet għal-liċenzjar inkroċjat obbligatorju stabbiliti fl-Artikolu 12 ta' dik id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għall-qafas legali previst fid-Direttiva u f'konformità sħiħa mal-impenni internazzjonali tal-UE.
7. Fil-każ li s-sistema ma tkunx qed tiffunzjona bla xkiel, b'mod partikolari fir-rigward tal-SMEs, il-Kummissjoni se tqis, fejn xieraq, l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet jew salvagwardji obbligatorji bħala parti mill-klawżola ta' rieżami prevista fl-Artikolu 31(10), f'konformità sħiħa mal-impenni internazzjonali tal-UE."

Dwar il-punt "A" **Regolament dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti**

Nru 3: *Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill*

DIKJARAZZJONI MIS-SLOVAKKJA

"Is-Slovakkja tappoġġa l-għan tal-abbozz ta' Regolament li jikkontribwixxi għat-tiżi tas-sostenibbiltà, il-kapaċità ta' adattament u r-reżiljenza tal-foresti tal-Unjoni Ewropea billi jtejjeb il-kwalità u d-disponibbiltà tal-materjal riproduttiv tal-foresti, filwaqt li jippromwovi wkoll innovazzjonijiet relatati, b'mod partikolari fil-kuntest tat-tibdil fil-klima. Għalhekk aħna nqisu li din il-proposta hija meħtieġa.

Madankollu, fir-rigward tal-impatti possibbli tal-proposta ta' kompromess finali li haġġet min-negozjati interistituzzjonali dwar il-kompetittività tas-settur tal-forestrija tal-UE, is-Slovakkja żżomm il-pożizzjoni tagħha li l-inklużjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali (OCR) tqajjem mistoqsijiet fundamentali dwar il-proporzjonalità ta' tali soluzzjoni minħabba d-daqs u l-ispeċifitàjiet tas-settur tal-materjal riproduttiv tal-foresti. Bħala eżempju ta' din is-sitwazzjoni speċifika fis-settur tal-forestrija, nosservaw dan li ġej: Għall-kuntrarju tas-settur veterinarju, tal-ikel u dak agrikolu, il-konsegwenzi tal-użu ta' materjal riproduttiv mhux xieraq fir-riġenerazzjoni tal-foresti jistgħu jsiru evidenti biss aktar tard, spiss wara ħafna snin.

Fl-istess ħin, nemmnu li soluzzjoni bħal din tista' żżid b'mod sproporzjonat il-piż amministrattiv u finanzjarju kemm fuq l-awtoritajiet kompetenti kif ukoll fuq l-operaturi professjonisti, u teħtieġ bidliet sinifikanti fil-qafas legali u istituzzjonali fil-livell nazzjonali, b'impatt partikolari fuq l-Istati Membri żgħar."

DIKJARAZZJONI MIS-SLOVENJA

"Is-Slovenja tqis li filwaqt li l-ftehim li ntlaħaq qbil dwaru fin-negozjati tat-trilogu dwar il-proposta għal Regolament dwar il-materjal riproduttiv tal-foresti għab xi titjib, diversi kwistjonijiet importanti ma għewx indirizzati b'mod adegwat.

B'mod partikolari, is-Slovenja tissottolinja l-ħtieġa għal dispożizzjonijiet aktar ċari u robusti dwar l-applikazzjoni uniformi tar-regoli fis-suq intern kollu sabiex tiġi evitata d-diverġenza bejn l-Istati Membri fl-implimentazzjoni, li tista' ddgħajjef il-kompetizzjoni ġusta u t-traċċabbiltà. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lir-rwol tal-awtoritajiet kompetenti fil-ħruġ ta' ċertifikati uffiċjali, u lill-possibbiltà li l-Istati Membri jkollhom mekkaniżmi ta' kontroll nazzjonali effettivi, filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi speċifiċi għas-settur.

Is-Slovenja tissottolinja wkoll li l-approċċ għall-kontrolli uffiċjali jeħtieġ aktar irfinar biex jirrifletti b'mod xieraq il-karatteristiċi speċifiċi tas-settur tal-foresti. Filwaqt li l-introduzzjoni ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju tista' toffri aktar flessibbiltà, din trid tkun akkumpanjata minn salvagwardji suffiċjenti biex jiġi żgurat livell konsistenti ta' sorveljanza fl-Unjoni kollha u biex jiġi evitat trattament mhux ugwali tal-operaturi.

Barra minn hekk, is-Slovenja għandha tħassib rigward id-dispożizzjonijiet dwar il-kwalità tal-materjal riproduttiv tal-foresti, b'mod partikolari fir-rigward ta' ċerti nuqqasijiet permessi - inkluż il-preżenza ta' pesti - dment li ma jintwera l-ebda effett negattiv fuq il-kwalità. F'dan il-kuntest, is-Slovenja tqis li huwa essenzjali li jissaħħu s-salvagwardji relatati mal-bijosikurezza, is-saħħa tal-foresti u l-prevenzjoni ta' riskji fit-tul, speċjalment minħabba n-natura irriversibbli tal-impatt fuq l-ekosistemi tal-foresti.

Minkejja dan it-tħassib, is-Slovenja tirrikonoxxi li l-ftehim fih xi elementi pożittivi, b'mod partikolari n-natura volontarja tal-pjanijiet ta' kontinġenza nazzjonali, il-kundizzjoni tal-parteċipazzjoni fl-iskema tal-OECD dwar il-materjal riproduttiv tal-foresti applikabbli għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, u l-inklużjoni ta' perjodu tranżizzjonali ta' ħames snin.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, is-Slovenja tissottolinja li huwa meħtieġ aktar titjib fit-test biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-foresti, ċertezza legali għall-operaturi, u kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern, filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ il-karatteristiċi speċifiċi tas-settur tal-foresti; għalhekk, is-Slovenja ser tastjeni milli tivvota."

Dwar il-punt "A"

Nru 4:

**Regolament dwar l-użu tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja fiż-
żona ferrovjarja unika Ewropea, li jemenda d-Direttiva 2012/34/UE u
li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 913/2010**

*Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-
raġunijiet tal-Kunsill*

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni ddikjarat l-intenzjoni tagħha li tivvaluta s-sinerġiji li jeżistu bejn il-kompiti u l-kompetenzi tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA) stabbilita fil-qafas tal-mandat attwali tagħha skont ir-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-rekwiżiti għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament bil-ħsieb li titlob l-appoġġ tal-ERA fl-attivitajiet relatati mal-ħidma preparatorja għal-leġiżlazzjoni sekondarja u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni tinnotta li d-data miġbura u mmonitorjata mill-ERA fil-mandat attwali tagħha, kif ukoll l-għodod ta' analiżi tal-ERA, jistgħu jintużaw ukoll biex jiġi mmonitorjat l-użu tal-kapaċità, biex tiġi vvalutata l-prestazzjoni tas-settur ferrovjarju, u biex tiġi appoġġata t-tnejn tal-leġiżlazzjoni sekondarja, u b'hekk jiġu evitati d-duplikazzjonijiet fil-ġbir tad-data, il-ħżin u l-għodod għall-analiżi, fi spirtu ta' simplifikazzjoni u regolamentazzjoni aħjar."
